**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

ŻEJTUN
Citta` Beland
Frott iż-Żebbuġ Ismi

**Laqgħa Nru. 03/21**

**Data:** It-Tnejn, 22 ta' Marzu 2021
**Ħin:** 5.45pm
**Post:** *Online*

**Preżenti**
Maria Dolores Abela - Sindku
Joan Agius - Viċi-Sindku
Amanda Abela - Kunsilliera (Skużata)
Dorcas Camilleri - Kunsilliera
Gesmond Baldacchino - Kunsillier
Raymond Caruana - Kunsillier
Roderick Caruana - Kunsillier
Sean Chircop - Kunsillier
Stephanie Fenech - Kunsilliera
Angelo Caruana - Assistent Prinċipali
Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv

**AĠENDA**

| | |
|---|---|
| **03.01** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;** |
| **03.02** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;** |
| **03.03** | **Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;** |
| **03.04** | **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;** |
| **03.05** | ***Items* oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;** |
| **03.06** | **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;** |
| **03.07** | **Proġetti u xogħolijiet;** |
| **03.08** | **Ġardinara;** |
| **03.09** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;** |
| **03.10** | **Mozzjonijiet; u** |
| **03.11** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |

**03. 1. Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 03. 1. 1 | | Segretarju Eżekuttiv | Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li Abela ma setatx tattendi għall-laqgħa minħabba intervent mediku. Imejl annessa. | |

**03. 2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| | | Proponent: Caruana Ray<br>Sekondant: Baldacchino | Il-Minuti 01/21 inqraw u ġew approvati nem.con. B'dawn il-korrezzjonijiet. | Chircop |
| 3 2 1 | 01.05.03 | Chircop: Triq San Klement | Titneħħa applikazzjoni u jinkiteb li hemm problema fil-blokka bid-drenaġġ. | Chircop |

**Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv**

**03. 2. Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 03. 2 2 | 01.02.18 | Chircop: *Mobile Application* | Il-*mobile app* tista' titniżżel għax lesta u irid isir iktar riklamar tagħha għax niżżluha 'l fuq minn 200 persuna. | Chircop |
| 03. 2 3 | 01.02.19 | Chircop: PA07428/20 | Chircop qal li dwar din ma ħareġ xejn u hemm oġġezzjonijiet għal Triq Luqa Briffa. | Chircop |
| 03. 2 4 | 01.02.05 | Sindku: *Slow Streets* u *European Mobility Week* | Fenech qalet li l-fondi għall-*bike racks* ġew approvati. Tlabna l-kwotazzjonijiet sabiex dawn jinxtraw u jkunu jistgħu jitwaħħlu. | Fenech |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 03. | 2 | 5 | 01.04.06 | Viċi-Sindku: Boroż Ħodor | Il-Viċi-Sindku qalet li l-boroż ħodor waslu u dawn qed jitqassmu. | Viċi-Sindku |
| 03. | 2 | 6 | 01.04.07 | Viċi-Sindku: *cat neutering* | Il-Viċi-Sindku staqsiet dwar il-proċess. Fenech qalet li tqassam likel u l-vouchers għall-*neutering.* Iridu jkunu reġistrati bħala *feeders* l-ewwel. | Fenech |
| 03. | 2 | 7 | 01.02.07 | Caruana Ray: Vjal 25 ta' Novembru | Caruana staqsa jekk il-ħsieb li jitwaħħlu l-barrikati jistax jiġi mplimentat. Is-Sindku qalet li ser jiġu mitluba għall-Vjal kif ukoll għal Triq l-Aħħar Ħbit mit-Torok. | Sindku |
| 03. | 2 | 8 | 01.02.15 | Caruana Ray: Rifletturi | Caruana qal li twaħħlu erbgħa rifletturi u qad baqa' xi jsir fi Ġnien iż-Żgħożija. Kemm jitwaħħlu mill-Enemalta jonqos. | Caruana Ray |
| 03. | 2 | 9 | 01.02.06 | Sindku: Ġnien Mikiel Anton Vassalli | Is-Sindku qalet li l-apparat għadu ma ġiex mwaħħal li dam biex wasal kawża minħabba tal-*lockdowns* fil-Portugal. Dil-ġimgħa wasal u daqt ser jiġi installat. | |
| 03. | 2 | 10 | 01.02.08 | Sindku: Triq l-Isqof Emm. Galea | Is-Sindku qalet li t-*traffic management* ġie mplimentat, pero xorta qed tinkiser il-liġi għax ħafna qed jgħaddu *wrong way.* | Sindku |
| 03. | 2 | 11 | 01.02.10 | Sindku: Triq Xrobb l-Għaġin | Is-Sindku qalet li ħarġet tender ġdida u tkellmet mas-CEO tal-W.S.C. is-Sur Ivan Falzon li nfurmana li l-perjodu ta' appell għalaq. Ser jibda l-proċess ta' ffirmar tal-kuntratt sabiex ikun jista' jitkompla x-xogħol. | Sindku |
| 03. | 2 | 12 | 01.02.11 | Sindku: Ġnien il-Kmandant | Is-Sindku qalet li waqqafna l-kuntratt tal-*Parks and Gardens* u ħallejna l-kuntratt għas-*Soft Areas* biss. Qalet ukoll li mit-8 ta' Marzu ġew ingaġġati żewġ ġardinara li ser jibdew minn dan il-ġnien fejn baqa' xogħolijiet żgħar fuq id-dawl, irrigazzjoni u pavimentar imkisser. Ser jiġi rranġat u jinfetaħ għall-nofs April. | Sindku |
| 03. | 2 | 13 | 01.02.14 | Sindku: Laqgħa mar-Reġjun Xlokk | Is-Sindku qalet li iffirmajna l-ftehim u ser jittieħed għall-żmien il-festa meta l-knisja tkun armata. | Sindku |
| 03. | 2 | 14 | 01.02.16 | Sindku: Tħawwil ta' siġar | Is-Sindku qalet li tħawwlu tlett mitt siġra indiġeni fiż-żona ta' Ġebel San Martin. | Sindku |

**03 3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML03/21. B'riferenza għal:

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 03 | 3 | 1 | | Sindku: Laqgħa mal-WSC | Is-Sindku qalet li fit-8 ta' Marzu kellha laqgħa mas-CEO online fejn talbet kumpens minħabba d-dewmien f'ċertu toroq u jidher li hemm qbil lifejn ser isir xogħol fuq mains ġodda tal-ilma, jsir wiċċ ġdid tat-toroq u qed tinsisti li dawn isiru bil-bankini b'kollox. | Sindku |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 03 | 3 | 2 | | Sindku: Laqgħa mas-Sur Demicoli Notebook Centre | Is-Sindku qalet li kellha laqgħa fejn sar ftehim għal-sena li r-residenti Żwieten u staff tal-Kunsill ikollom servizz ta' tiswijiet b'xejn fuq il-kompjuters jew laptop tagħhom. Għal dan hemm ħlas ta' €5,800. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. Is-Segretarju qal li rċivejna ċirkolari mid-dipartiment fejn talbu li dan għalissa għandu jiġi mwaqqaf. Dan il-kuntratt għalissa ser ikun imwaqqaf sakemm niċċekjaw dwarha. | Sindku / Segretarju Eżekuttiv |
| 03 | 0 | 3 | | Sindku: Laqgħa mal-Perit De Noto | Is-Sindku qalet li kellha laqgħa fejn issemmew it-*traffic lights* ta' Triq Alfred Cachia Zammit u l-*one-way* ta' Triq Salvu Cacciatolo u Triq il-Ħaddara jinqaleb it-traffiku. Dwar dan kien hemm qbil unanimu. Dwar raised zebra crossings ma kinx hemm qbil. | Sindku |
| 03 | 0 | 4 | 02 | Sindku: SPI 2/2021 | Is-Sindku ressqet għall-approvazzjoni tal-finanzjament għall-iżvilupp u titjieb fil-*playing fields.* Ser tagħlaq fl-20 ta' April. Ipproponiet Ġnien Breġju peress li hemm il-pjanta lesta. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. | Sindku |
| 03 | 3 | 5 | | Sindku: Skema għall-*electric pillars* | Is-Sindku qalet li għadhom jitwaħħlu *electric pillarsu* ssuġeriet li jsiru f'Misraħ Karlu Diacono, Misraħ is-Suq, Ġebel San Martin, Ġnien iċ-Ċrieki, Misraħ Dom Mintoff. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. | |
| 03 | 3 | 6 | 32 | PA/01173/21 | Dwar din l-applikazzjoni ser noġġezzjonaw. | |
| 03 | 0 | 7 | 34 | Owen Zahra - ħsara fil-vettura | Wara diskussjoni kien hemm qbil li għandu jingħata kumpens. | |
| 03 | 0 | 8 | | Chircop: Applikazzjoni għat-titlu ta' Pro-Katidral | Chircop staqsa jekk irċevejniex xi risposta. Is-Sindku qalet li ser insaqsu dwarha. | |
| 03 | 3 | 9 | | Fenech: Karozzi abbandunati | Fenech qalet li fi Ġnien iċ-Ċrieki hemm il-karozzi abbandunati. Ser inkellmu lill-pulizija dwarhom. | |
| 03 | 3 | 10 | | Fenech: Triq Hector Dalli | Fenech staqsiet jistax isir xi ħaġa minħabba problema tat-traffiku. Kien hemm diskussjoni u jrid isir pjan ħolistiku għal din iż-żona. | |

**03. 4. Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 03. | 4 | 1 | | Chircop: Triq San Pietru | Chircop ressaq suġġeriment sabiex isir xi ħaġa peress li qed issir ħafna ħsara mit-trakkijiet. | Chircop |

**03. 5. Items oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 03. | 5 | 1 | | Fenech: Ċertifikat | Fenech qalet li ingħatajna l-*European Label Governance Excellence,* ċertifikat ta' governanza tajba. | Fenech |
| 3 | 5 | 2 | | Fenech: EUCF | Ħa nkunu qed naraw biex ikollna s-SEAP meħtieġa biex inkunu nistgħu napplikaw għall-EUCF. Dawn huma fondi relatati ma' studji dwar sostennibilta'. | Fenech |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 3 | 5 | 3 | | Fenech: Capuera | Fenech qalet li ser isiru żewġ laqgħat online hawn Malta dwar riċerka ta' din it-tip ta' sport ġdid. Ser jieħdu sehem il-Latvija u Estonja. | Fenech |
| 3 | 5 | 4 | | Caruana Roderick: Skema ħaddar il-faċċata | Caruana qal li ser jiċċekja dwar l-iskema Ħaddar il-faċċata mas-sur Patrick Mifsud biex jara l-proċess eżatt xi jrid isir. | Caruana Roderick |
| 3 | 5 | 5 | | Caruana Roderick: Roundabout fi Triq Toni Zahra | Caruana qal li qed jissuġerixxi li għandha ssir pressjoni sabiex issir roundabout f'parti minnhom sabiex it-traffiku jiġi maniġjat aħjar. Dwar dan kien hemm qbil unanimu. | Sindku |
| 3 | 5 | 6 | | Chircop: Ġieh iż-Żejtun | Chircop qal li n-nominazzjonijiet huma miftuħa. Ser ikun hemm konkors letterarju bl-istess kategoriji bħas soltu u jagħlqu f'nofs Mejju. | Chircop |
| 3 | 5 | 7 | | Viċi-Sindku: Childcare | Il-Viċi-Sindku qalet li bħalissa għaddejjien il-lezzjonijiet online mat-tfal u l-istaff qed jagħmlu kuntatt mal-ġenituri peress li c-Childcare bħalissa magħluq. | Viċi-Sindku |
| 3 | 5 | 8 | | Camilleri: Figolli | Ser jitqassmu l-figolli lir-residenti tal-Fondazzjoni Nazzareth | |
| 3 | 5 | 9 | | Caruana Ray: Ibins fi Triq il-Qadi | Caruana reġa ressaq suġġeriment sabiex dawn is-sett ta' ibins jitneħħew peress li qed ikunu ta' ikonvenjent għar-residenti. Wara diskussjoni kien hemm qbil unanimu dwar dan. | Caruana Ray |

**03. 6.** **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 03. | 6. | 1 | | | Ma kinx attivitajiet pjanati | |

**03. 7.** ***Proġetti u xogħolijiet;***

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 03 | 7 | 1 | | Sindku: Triq il-President Anton Buttiġieġ | Is-Sindku qalet diġa tlestiet l-ewwel nofs u ser tinbeda t-tieni fażi. Talbet laqgħa mal-perit ta' IM. Ser tinqasam f'erbgħa partijiet, jibdew in-naħa tal-għelieqi u wara n-naħa tar-residenti.Qalet li l-ħwienet għandhom ikunu affetwati mill-inqas. | Sindku |
| 03 | 7 | 2 | | Sindku: *Dog Park* | Is-Sindku qalet li dan huwa lest. Il-*fence* twaħħal u anke l-apparat. Sar xogħol tas-*civil works* fuq il-bankina. Ser jiġi inawgurat fis-6 ta' April. Ser jiġu mistiedna lill-Ministru Refalo, l-Ministru Herrera u l-ministri tad-distrett kif ukoll raprzentanti mill-GreenPak u r-Reġjun Xlokk. Fenech qalet li diġa qed jintuża ħafna u ser nagħmlu pressjoni biex ma jitħalliex ħmieġ. | Sindku |

**03. 8.** **Ġardinara;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 03. | 8. | 1 | 01.02.11 | Sindku | Is-Sindku qalet li kellna l-applikazzjonijiet u ntagħżlu s-Sur Frans Borg u s-Sur Joseph Fenech. Ġiet mixtrija l-għodda meħtieġa kif ukoll ġew imdawwra mal-ġonna sabiex jieħdu idea tax-xogħol li hemm bżonn isir. Dawn ġew ingaġġati mal-Kunsill u xogħlhom ser ikun li jieħdu ħsieb dawn il-ġonna. | Segretarju Eżekuttiv / Sindku |
| **03.** | **11.** | | | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 03. | 11. | 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 03/21 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| 03. | 11. | 2 | | Talbiet għal Xiri Seduta 03/21 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarju Eżekuttiv |
| 03. | 11. | 3 | | *Petty Cash* - Frar 2021 | Il-Kunsill approva nem.con. il-*petty cash* li ntefaq fix-xahar ta' Frar hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €109.80 | Segretarju Eżekuttiv |
| | | | | Pagament lil Silvar Constructions Ltd | Ġie approvat pagament li jammonta għall-€31,184.00 peress li ma laħaqx tniżżel fl-iskeda tal-pagamenti. | |
| **03** | **12** | | | **Mozzjonijiet; u** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |
| 03. | 12 | 1 | | | Ma kinx hemm mozzjonijiet imressqa | |
| **03** | **13** | | | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |

Is-Sindku għalqet il-laqgħa fit-8.25pm. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnejn, 19 ta' April 2021 online fil-5:30pm.

IFFIRMATA
Maria Dolores Abela

Sindku

IFFIRMATA
Anton Falzon

Segretarju Eżekuttiv